MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1823/2002

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-sindakati esteri operanti bl-isem Octavian at Lloyds kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Anthony Borg abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Anthony Borg**

**vs**

**Mario Victor Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm848.53) li jirrapprezentaw d-danni kollha sofferti mill-attur Anthony Borg assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom**

ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' tmien mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm823.53), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) l-istess Anthony Borg in linea ta' *excess payment,* bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fid-29 ta' Dicembru, 1999 gewwa Triq Sant'Anna, Floriana, bejn il-vettura propjeta' ta' l-attur Anthony Borg, bin-numru ta' registrazzjoni BAD 056 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni TDI 200, liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Dicembru, 2001 u 18 ta' Frar, 2002 rispettivament u ta' ittra ufficjali li ntbaghtet kontestwalment ma' l-avviz tat-talba lis-socjeta' assikurattrici Mark Bretten u Mark Dan Schwarzmann bhala likwidaturi tas-socjeta' estera Independent Insurance plc, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-18 ta' Frar, 2002 u tat-3 ta' Dicembru, 2001 kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fit-3 ta' Settembru, 2002 fejn intqal:

1. Illi sa minn qabel saret din il-kawza, qatt ma kien hemm opposizzjoni da parti tal-konvenut jew tal-assikurazzjoni tieghu sabiex issir favor l-atturi likwidazzjoni u hlas tad-danni minnhom realment u attwalment subiti bhala konsegwenza diretta tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

2. Illi sa minn qabel saret din il-kawza, il-kontestazzjoni bejn il-kontendenti kienet dwar il-quantum tad-danni li l-atturi qed jippretendu. Fil-fatt id-danni attrici huma esagerati u jmorru ben oltre l-quantum tad-danni min realment u materjalment imgarrab bhala konsegwenza diretta tal-incident in ezami. Ghalhekk l-ammont li qed ikun pretiz, mhux biss l-atturi qed jonqsu milli jimmitigaw id-danni taghhom kif huma obbligati, izda hemm ammonti milli qed jirreklamaw li mhumiex dovuti.

**3. Fil-kaz li tirrizulta fondata l-eccezzjoni precedenti, l-eccipjent m'ghandhux ibati l-ispejjez gudizzjarji u fl-istess waqt l-imghax legali ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza mhux kif pretiz mill-atturi.**
**4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Alfred Farrugia, Anthony Borg, Anthony Borg (Junior), Luciano Caruana, Kenneth Borg, Mario Victor Mifsud. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda danni minn incident awtomobilistiku li sehh f'Triq Sant Anna Floriana, fid-29 ta' Dicembru, 1999 bejn il-vettura BAD 056 misjuqa mill-attur u l-vettura TDI 200 misjuqa mill-konvenuta konvenut.**
**2. Il-konvenut mhux qed jopponi dwar il-punt ta' responsabbilta' izda qed jikkontesta l-quantum tad-danni peress illi qed ighid illi hemm ammonti mhux dovuta.**
**3. Fil-fatt il-kontestazzjoni principali tirrigwarda l-*electrical control unit* (ECU) tal-vettura ta' l-attur. Il-konvenut ighid illi l-hsara f'din il-unit ma gratx konsegwenza ta' l-incident.**
**4. It-Tribunal jirrileva illi l-hekk imsejjah ECU huwa l-qalb tal-management tal-magna kollha, peress illi permezz tieghu jsir il-kontroll ta' diversi funzjonijiet tal-vettura.**
**5. Il-vettura ta' l-attur kien ra s-surveyor Alfred Farrugia ghas-socjeta' attrici fit-12 ta' Jannar, 2000, (Dok AF), meta hu kkonstata illi kien hemm il-hsara fl-ECU. Fil-fatt jirrizulta li l-vettura ta' l-attur ittiehdet ghand Continental Cars pero' minhabba l-ispiza nvoluta kien gie suggerit li tittiehed ghand l-Auto Technik ghat-tiswija tal-parti elettrika. Dana sar minhabba li l-Continental Cars biex jiccekkjaw biss dak li kien hemm hmistax-il lira (Lm15), u kieku baqghet ghandhom kien ser ikollhom ihallsu hmistax-il lira (Lm15) kuljum.**

**6. Jirrizulta illi l-istess Alfred Farrugia kien hareg addenda ghas-survey originali u dana fl-20 ta' Settembru, 2000 (Dok AF 2). Is-surveyor ghamilha cara illi l-ispiza tal-partijiet elettrici kellha tigi kunsidrata aktar l' quddiem.**

**7. It-Tribunal innota illi s-surveyor xehed li l-attur kien qallu li qabel l-incident il-karozza kienet tistartja u s-surveyor xehed illi: "ghalhekk jiena kkonkludejt illi l-fault fl-elettriku grat bhala konsegwenza tal-kollizzjoni."**

**8. In oltre l-istess surveyor jirrileva illi l-istess ECU qieghed wara l-fanal, bejn il-fanal u l-batterija. Hu rrizultalu illi kien hemm wiring imqaxxar.**

**9. Anthony Borg (Senior) jikkonferma li l-vettura ta' l-attur kellha d-daqqa fuq il-bonnet u l-fanal miksur, u kien wara dan l-incident li bdiet tahdem hazin. L-istess xhud jikkonferma li pprova jirranga l-vettura minghajr ma jipprova jibdel l-ECU, pero' wara disa' xhur kellu jibdlu.**

**10. Anthony Borg (Junior) li kien qed isuq il-vettura meta sehh l-incident ighid illi wara l-incident saq pero' l-karozza kienet qed taghmel hoss li hu jiddeskrivih: "bhala spiritiera", u kienet qisha qed taqta'.**

**11. Dak li qed ighid is-sewwieq Anthony Borg hu rilevanti ghal kaz in kwantu l-ECU jipprocessa l-*ignition u fuel injection* fost affarijiet ohra u konsegwentement dak il-hoss li rrizulta wara li sehh l-incident kien fil-fatt rintraccabbli ghal xi haga li giet danneggjata fl-ECU.**

**12. Il-vettura kienet giet ezaminata minn Kenneth Borg Service Manager u li kien Technician ma' Continental Cars fi zmien ta' l-incident. L-istess Kenneth Borg innota illi kien hemm wires maqrusin u mahruqin u li l-ECU hadem ghal xi zmien wara li pprova jsewwieh pero' kien rega' bl-istess problema. Skond ix-xhud irrizultalu li kien hemm short circuit, tant illi l-batterija kienet imwaqqa'. Rilevanti dak li qal Kenneth Borg meta xehed hekk:**

**"il-klijent kien qalli li minn mindu kien ha d-daqqa kienet qed taghmillu dawn l-affarijiet."**

**Ix-xhud ighid ukoll illi meta fetah kien sab il-hsara fil-wiring.**

**13. Huwa minnu illi Kenneth Borg qal illi ma rrelatax il-hsara fl-electrical parts mad-daqqa pero' t-Tribunal jinnota wkoll li l-istess xhud qal illi l-ECU bl-impatt jista' jigrilha hsara. Fil-kuntest ta' dan li intqal u tax-xhieda tas-surveyor kif ukoll tal-fatt illi jidher illi l-hsara kienet rintraccabbli proprju ghal ezattament wara li gara l-incident, it-Tribunal ma jistax jifhem kif Kenneth Borg jista' jasal biex jikkonkludi illi l-hsara fl-ECU ma kellhiex x'taqsam mad-daqqa.**
**14. Il-konvenut da parti tieghu jikkonferma l-impatt li sar ma' l-attur u l-brake qawwi li sema' kif ukoll il-brake marks li thallew.**
**15. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal jirrizulta sodisfacentement pruvat illi l-hsara fl-ECU grat konsegwenza ta' l-incident imsemmi.**
**16. Bhala danni t-Tribunal hu sodisfatt illi l-attur ghamel hiltu biex jimminizza d-danni kif fil-fatt jirrizulta meta dana ghazel li ma jzommhiex ghand tal-Continental Cars u l-fatt li pprova jsewwi l-ECU minflok jaqbad u jibdlu. It-Tribunal qed iqis ukoll certi riservi li ghamel ix-xhud Emanuel Galea, Claims Manager ta' Independent Insurance Agency Limited is-socjeta' assikurattrici tal-konvenut pero' jinnota illi fil-fatt it-tiswijiet saru skond is-survey u d-Dok RM 12 huwa referibbli ghall-ispiza ta' l-ECU.**
**17. Jirrizulta illi l-attur sewwa skond is-survey u d-danni kienu jammontaw ghal tmien mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm848.53). It-Tribunal ghal fini ta' mghaxijiet jikkonstata illi l-konvenut qatt ma oppona ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija tlieta u ghoxrin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm823.50) u lill-attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25).**

**Bl-imghaxijiet fuq l-imsemmija ammonti li jibdew jiddekorru mil-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------